MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 103/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lil C B fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf disa'mija wiehed u disghin (1991), certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok 'A';

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, M li twieldet fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf disa'mija tlieta u disghin (1993) u b'hekk maggorenni, u K li twieled fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) u b'hekk minorenni;

Illi l-manteniment dovut mir-rikorrent dejjem gie mhallas puntwalment;

Illi r-rikorrent u C B ilhom de facto separati minn Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Sandra Grech Cordina datat tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) – kopja annessa Dok 'B';

Illi r-rikorrenti jiddikjara Ii ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex

dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimata li in forza taghha, hija eccepiet :

Illi l-esponent tiddikjara li qed taqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors promotur, u li ma topponix it-talba tar-rikorrent ghall-hall taz-zwieg u li l-partijiet jigu dikjarati bhala divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Mejju 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------